MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2006

Appell Kriminali Numru. 247/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**Patrick Sciberras**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Patrick Sciberras talli:

1) F'dawn il-Gzejjer, bejn Mejju 2004 u Gunju 2004, ittraffika persuni tal-eta cioe Marina Morozova u Natalia Genrihovna Stepankevich li huma ta' Nazzjonalita Russa bil-ghan li dawk il-persuni jigu sfruttati ghall-prostituzzjoni billi ta u/jew ircieva hlasijiet jew beneficcji sabiex jottjeni l-kunsens tal-persuna li kellha l-kontroll fuq persuna ohra;

2) F'dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta' Gunju 2004, u fix-xhur precedenti b'diversi atti maghmulin minnhom, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

a) xjentement ghex ghal kollox jew in parti mill-qliegh tal-prostituzzjoni ta' l-imsemmija Marina Morozova u Natalia Genrihovna Stepankevich persuni ta' Nazzjonalita Russa;
b) zamm jew ezercita jew kellu sehem ma' ohrajn fl-ezercizzju ta' burdell jew ta' dar, hanut jew lokal iehor jew ta' xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew maghduda bhala li huma ffrekwentati ghal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet ohra immorali;
c) bhala s-sid jew li ghandu taht idejh l-amministazzjoni ta' dar jew fond bl-isem Solaire Complex, Block E, Flat 26, Triq il-Hgejjeg, Bugibba, San Pawl il-Bahar, xjentement ta b'kiri, jew ippermetta l-uzu ta' dan il-post ghal skop ta' prostituzzjoni;

3) sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali ta' Malta, datata 19 ta' Gunju 2002. liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Novembru 2004 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq ammisjoni ta' l-appellat (allura imputat), sabet lill-imsemmi Patrick Sciberras hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghal "suspended sentence supervision order ghal perjodu ta' sentejn sospizi ghal erba' snin u dan taħt is-supervizjoni ta' probation officer";

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fit-18 ta' Novembru 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellate billi tikkonferma il-htija, tirrevoka l-piena karcerarja sospiza u minflok tinfliggi l-piena karcerarja effettiva itwal;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda ta' l-Ispettur Raymond Aquilina;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant Avukat Generali jirrigwarda l-piena. Huwa jghid li l-piena li mponiet l-ewwel Qorti ma tirriflettix il-gravita` tal-kaz u ghalhekk il-piena kellha tkun wahda ta’ prigunerija effettiva u mhux wahda sospiza. Fil-fehma tieghu anke l-perijodu ta’ prigunerija kellu jkun itwal, u jirreferi ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-28 ta’ Ottubru 2004 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Noel Grima** fejn aggravju simili kien gie milqugh.

Fis-sottomissjonijiet tieghu d-difensur ta’ l-appellat qal li l-appellat ghandu I.Q. baxx hafna, li ta informazzjoni sensittiva hafna lill-Pulizija u tkisser cirku ta’ prostituzzjoni, li l-appellat intuza minn persuna ohra, li huwa ammetta fuq intendiment li kien sejjer jinghata sentenza ta’ prigunerija sospiza, u li wara li nghatat is-sentenza l-ufficjal prosekutur attira l-attenzjoni tad-difensur ta’ l-appellat li fuq imputazzjoni partikolari kellha wkoll tinghata l-piena tal-*multa* u li meta dan gie ndikat lill-ewwel Qorti, din iddikjarat li ma setghet taghmel xejn peress illi s-sentenza kienet inqrat.

L-Ispettur Raymond Aquilina kkonferma li wara li kienet inghatat is-sentenza mill-ewwel Qorti huwa ma kienx prezenti u meta gie nfurmat mid-difensur ta’ l-appellat u mill-Ispettur Louise Calleja li kienet inghatat sentenza sospiza ta’ prigunerija, huwa gibdilhom l-attenzjoni li sa fejn kien jaf hu kellha wkoll tinghata piena ta’ *multa*. Kienu avvicinaw l-ewwel Qorti flimkien izda gew mgharrfin li s-sentenza ma setghetx tinbidel. Ix-xhud stqarr li ma ghamel l-ebda forma ta’ *bargaining* dwar is-sentenza li kellha tinghata u li kienu ttrattaw fis-sens li kellha tkun piena karcerarja. Qal ukoll li l-appellat ma kienx il-*mastermind* wara l-organizzazzjoni in kwistjoni u li jista’ jkun li kien hemm min kien inqeda bih.

Issa, l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-appellat, skond l-artikolu 248A u 248B tal-Kodici Kriminali li dahlu *in*

*vigore* qabel ma gew kommessi r-reati in dizamina, u cioe` r-reat ta' traffikar ta' persuni ta' l-eta` ghal skop ta' prostituzzjoni, hija dik ta' prigunerija ghal zmien minn sentejn sa disa' snin. L-appellat ammetta wkoll (bhala reat kontinwat) li xjentement ghex ghal kollox jew in parti mill-qliegh tal-prostituzzjoni ta' persuni ta' nazzjonalita` barranija (fejn il-piena hi ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn), kif ukoll li zamm jew ezercita jew kellu sehem ma' ohrajn fl-ezercizzju ta' burdell jew ta' dar, hanut jew lokal iehor jew ta' xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew maghduda bhala li huma ffrekwentati ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali (fejn il-piena hi ta' prigunerija ta' mhux izjed minn sentejn u *multa* ta' mhux izjed minn mitejn lira), u anke li bhala s-sid jew li ghandu taht idejh l-amministrazzjoni ta' dar jew fond bl-isem Solaire Complex, Block E, Flat 26, Triq il-Hgejjeg, Bugibba, San Pawl il-Bahar, xjentement ta b'kiri, jew ippermetta l-uzu ta' dan il-post ghal skop ta' prostituzzjoni (fejn il-piena hi ta' prigunerija minn xahar sa sitt xhur). Inoltre l-appellat ammetta li sar recidiv in vista tas-sentenza tad-19 ta' Gunju 2002 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fejn huwa kien gie kkundannat ghal *multa* komplessiva ta' Lm50 (oltre *ammenda* ta' Lm10), u li ghalhekk ifisser li l-piena nflitta ghall-kaz odjern "tista" tizdied bi grad.

Skond l-artikolu 17(b) tal-Kap. 9, "persuna hatja ta' zewg delitti jew izjed, li jaqghu taht pieni li jnaqqsu ghal zmien il-liberta` persunali, tigi kkundannata ghall-piena tad-delitt l-aktar gravi biz-zieda minn terz san-nofs taz-zmien tal-pieni l-ohra kollha mehudin flimkien, b'dan li z-zmien li jinghata ma jiskorrix hamsa u tletin sena". Ghalhekk, peress illi l-piena minima ghall-ewwel imputazzjoni hija ta' sentejn, l-appellat ma seta' qatt jinghata mill-ewwel Qorti piena ta' sentejn prigunerija in vista taz-zieda li trid issir dwar ir-reati l-ohra anqas gravi.

Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti mkien ma nvokat l-applikazzjoni ta' l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali li jghid li l-Qorti tista' "ghal ragunijiet specjali u straordinarji li ghandhom jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza" taghti dik il-piena izghar li, fid-diskrezzjoni taghha, tkun

tixraq, ghad illi jkun hemm stabbiliti l-anqas piena fl-artikolu li jsemmi dak ir-reat. Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti rreferiet biss ghall-ammissjoni ta' l-appellat u ma rreferiet ghall-ebda fattur attenwanti fl-iffissar tal-piena. Ghalhekk l-aggravju ta' l-Avukat Generali jidher li hu pjenament gustifikat u li l-ewwel Qorti ma setghetx taghti l-piena li fil-fatt tat fl-ewwel lok galadarba ma applikatx l-artikolu 21 imsemmi. Konsegwentement l-artikolu 28A ghandu jitqies inapplikabbli fil-kaz odjern anke peress illi r-reati in dizamina huma reati serji fejn persuni bla skruplu u bla hjiel ta' moralita` jiehdu vantagg mill-kundizzjoni hafna drabi mizera tan-nisa koncernati li jigu sfruttati ghal skop ta' qliegh, u ghalhekk jimmeritaw piena karcerarja effettiva. Il-punti msemmijin mid-difensur ta' l-appellat mhumiex "ragunijiet specjali u straordinarji" li jistghu jwasslu lil din il-Qorti tapplika hi l-artikolu 21 imsemmi.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali u tirriforma s-sentenza apellata billi, filwaqt li tikkonfermaha fejn iddikjarat u sabet lill-appellat Patrick Sciberras hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, tirrevokaha fejn ikkundannatu ghal "suspended sentence supervision order ghal perijodu ta' sentejn sospizi ghal erba' snin taht is-supervizjoni ta' probation officer" u minflok tikkundannah ghall-piena ta' prigunerija ta' sentejn u sitt xhur u ghall-hlas ta' multa ta' mitejn lira (Lm200) pagabbli skond il-ligi u fin-nuqqas qed tigi konvertita minn issa stess fi prigunerija ghal perijodu ta' erbghin gurnata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------